# Il-Ħadd 03.02.2019

1. Illum 03/02, **Jum il-Ħajja**:
   - Il-Moviment favur il-Ħajja fil-Ġuf se jorganizza Mixja fil-Belt Valletta li tibda' fl-10:00am minn quddiem il-Parlament, tkompli b'quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-11:00am ppreseduta mill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju, u tagħlaq b'Messaġġi favur il-Ħajja sa' mill-konċepiment fl-Oratorju tal-Caravaggio, fil-Konkatidral stess. Kulħadd mistieden.

2. It-Tlieta 05/02:
   - Mis-7:30pm sal-10:00pm - Adorazzjoni animata mill-Grupp Kariżmatiku 'Resurrexit', taż-Żurrieq fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. Kulħadd mistieden jattendi xi ħin.

3. Is-Sibt 09/02:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija, B'Kara.

4. Il-Ħadd 10/02, **Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta**.

5. It-Tnejn 11/02, **Jum il-Morda**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa fil-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla. Din is-sena il-quddiesa taħbat fil-175 anniversarju mit-twelid ta' Santa Bernardetta u l-140 anniversarju mill-mewt tagħha.

6. Avviżi oħra:
   - Ser jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għal dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u indipendenti. Informazzjoni dettaljata tinkiseb minn fuq il-website tal-Kurja: www.thechurchinmalta.org fis-Sezzjoni: *'Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja'* u mill-istess Skejjel tal-Knisja.
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi tavża lil dawk il-ġenituri li għandhom it-tfal li twieldu fis-sena 2016, u bejn Jannar u April tal-2017, biex matul dan ix-xahar ta' Frar imorru jiktbuhom għall-iskola.
   - Jekk hawn xi wħud li jixtiequ u jistgħu jgħinnu fl-animazzjoni, fix-xandir tal-kelma bħala letturi, u fl-aspett mużikali u l-kant liturġiku, b'mod partikulari fil-quddies tas-Sibt u l-Ħadd, mitluba javviċinaw lill-Kappillan (lili) biex ikunu jistgħu jifthiemu dwar il-possibiltà, u anke biex issir il-preparazzjoni meħtieġa.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 85 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

     Grazzi mill-qalb.